**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru.: 421/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**-Vs-**

**JEAN-MOREL RAYMOND ERNEST SERGE**

**Illum 15 ta' Dicembru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Jean-Morel Raymond Ernest Serge** ta' 73 sena, iben Marcel Morel-Jean u Coutette, imwieled Franza, nhar l-20 ta' Jannar 1947 u residenti ġewwa fond 'Chemin de la Montagne', 73230, Les Deserts, Franza u detentur tal-passaport Franċiż bin-numru 15DK75912, akkużat talli nhar is-26 ta' Awwissu 2020 u fil-ġranet u gimgħat ta' qabel f'dawn il-Gżejjer;

1. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobli, għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u /jew persuna jew persuni oħra,

liema ħsarat komplessivament jiskorru l-ammont ta’elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500), u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, fi kwalunkwe żona fi special Area of Conservation jew Special Protection Area of Conversation jew Special Protection Area, għamilt xi operazzjoni jew attivita, mingħajr permess tas-sid jew okkupant ta’ dak is-sit a meta l-ebda wiehed minnhom ma kien avża bil-miktub lill-awtorita kompetenti bil-proposta tal-operazzjoni jew attivita, liema avviż kellu jispeċifika x-xorta u s-sit propost u mingħajr ma tali propost kienet ġiet approvata mill-awtorita kompetenti, u dan bi ksur ta’ regolament 18 (1) tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjent Naturali L.S. 549.44;

3. Aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, mingħajr ma kellek permess jew awtorizazzjoni mill-Park Manager, fil-konfini tal-Park kkawżajt danni lill-Park u lill-biodiversita fi ħdanu, u dan bi ksur ta’ regolament 3 (9)(i) tar - Regolamenti dwar is-sit ta’ il-Majjistral, Park ta’ Natura u Storja L.S. 549.83;

4. Aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi wettaq kwalunkwe attivita’ jew operat li għandu x’jaqsam mal-ambjent jew li jolqot l-ambjent, jew kont involut f’tali attivita’ jew operat, meta ma kellekx fil-pussess tiegħek awtorizzazzjoni mill-Awtorita’ taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta’ Malta), u cioe’ l-attivitajiet u l- operati taħt Artikolu 58(2) li jinkludu, fost oħrajn, l-attivitajiet u l-operati elenkati fl-Iskeda b’mod partikolari attivitajiet f’żoni protetti, li jitqiesu bħala li għandhom effett fuq l-integrita tas-sit jew il-karatteristiċi ambjentali tiegħu skont paragrafu (a) (xi) tal-Iskeda; kwalunkwe attivita li tmur kontra l-prattika tajba fil-konservazzjoni ta’ u fil-ġestjoni tal-karatteristiċi naturali, tal-pajsaġġi u taż-żoni protetti, kif jista’ jiġi preskritt, inkluż izda mhux biss għal: attivitajiet li jkun mistenni li se jikkagunaw tibdil dejjiemi, jew fit-tul jew inkella sinifikattiv u attivitajiet meqjusa bħala li għandhom effett fuq l-aspett fiżiku tas-sit, jew fuq l-intergrita’ tas-sit u l-

pajsaġġ, skont paragrafi (a)(xii) u (a)(xii) 5 tal-Iskeda; interventi li jibdlu kwalunwke karatteristiċi fiżiċi naturali, jew inkella li jikkontribwiccu għall-integrita' tal-pajsaġġ jew tal-ambjent fiżiku, kif jista' jiġi preskritt, skont ġaragrafu (a) (xiii) tal-Iskeda u dan bi ksur ta' l-Artikolu 58 (1) tal-Kap .549 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, wettaqt xi attivita' msemmija fl-artikolu 58 taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, li ma kienitx attivita' awtorizzata b'ordni u li kellha titwettaq skont id-dispożizzjonijiet tal-ordni, mingħajr ma applikajt lill-Awtorita' għal awtorizzazzjoni, b'tali mod, fuq tali formula u bl-għoti ta' tali informazzjoni inkluż valutazzjonijiet u studji ambjentali, bħalma tista' tordna l-Awtorita', u dan bi ksur ta' Artikolu 59 (1) tal-kap. 549 tal-Ligijiet ta' Malta;

**F'kaz ta' sejbien ta' ħtija fil-konfront tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali. Il-Qorti hija mitluba illi, apparti li timponi l-multa taħt regolament 49(3) tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali,**

(a) Tordna li l-persuna misjuba ħatja tar-reat għandha tneħħi dak kollu li jkun sar bi ksur tal-liġi, kif ukoll dak kollu li sar mingħajr il-permess, fi żmien suffiċjenti biex dan ikun jista' jsir, liema żmien m'għandux jeċċedi l-perjodu ta' tliet xhur mid-data tas-sentenza, u jekk il-persuna misjuba ħatja tar-reat tonqos milli tagħmel dak ordnat lilha fiż-żmien mogħtija lilha, sabiex timponi multa ta' mhux anqas minn tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċentezmu (€116.47) għal kull ġurnata li hija tkompli tonqos matul dan il- perjodu mogħti lilha, u;

(b) Tordna li il-persuna misjuba ħatja sabiex tħallas ukoll l-ispejjeż inkorsi għar-rimedjar tal-ħsara, kaġunata minn tali ksur, u għal kull spiża oħra inkorsa jew miżuri ta' mitigazzjoni rikjesti biex jirremedjaw dak l-għemil, ħsara u ksur, dan skont ir-regolament 49 (8) tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali

(c) Tordna l-iskwalifika miż-żamma jew l-akkwist ta' xi liċenza, permess jew awtorita' għal żmien mhux anqas minn sena, skont regolament 49(9) tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora Fawna u Ambjenti Narurali

**F'każ ta' sejbien ta' ħtija fil-konfront tar-Regolamenti dwar is-Sit ta' il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja, il-Qorti hija mitluba, illi apparti timponi il-multa taħt regolament 5(3) tal-istess regolamenti;**

(a) Tordna lil-ħati li jħallas (i) l-ispejjeż kollha li jiġġarbu minn entitajiet pubbliċi u, jew minn persuni oħra li jaġixxu f'isem dawk l-entitajiet fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, biex tigi rimedjata, għas-sodisfazzjoni tal-Park Manager, il-ħsara kaġunata mill-ksur ta' dawn irregolamenti; (ii) kull spiża oħra li tiġġarrab u, jew l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni li huma raġonevolment meħtiega għal- limitazzjoni jew prevenzjoni tal-impatt li jirriżulta minn ksur ta' dawn ir-regolamenti; (iii) il-valur kif likwidat mill-Qorti kompetenti, ta' kull ħsara jew telf irriparabbli u irrevokabbli kkawzati lill-ambjent, biodiversita', pajsaġġ, wirt naturali jew wirt storiku, kif rilevanti għal dawn ir-regolamenti, dan skont regolament 5(4) tal -istess regolamenti

(b) Tordna li l-persuna misjuba hatja ta' reat ghandha tneħħi dak kollu li jkun sar bi ksur tal-liġi . kif ukoll dak kollu li sar mingħajr il-permess meħtieġ, fi żmien sufficenti biex dan ikun jista jsir, liema żmien ma għadux jaċċedi l-perjodu ta' tliet xhur mid-data tas-sentenza, u jekk il-persuna misjuba ħatja

tar-reati tonqos milli tagħmel dak ordnat lilha fiz-zmien moghti lilha, timponi l-multa ta' mhux anqas minn ħamsin Euro (€50) iżda mhux iżjed minn mija u ħamsin Euro (€150) kif tiddeċiedi l-Qorti, għal kull ġurnata li jkompli dak in-nuqqas sat-tmiem tal-imsemmi perjodu, dan skont regolament 5() tal- istess regolamenti;

(c) Tordna illi l-iskwalifika miż-żamma jew ksib ta' xi liċenza permess, approvazzjoni jew awtorita' għal żmien mhux anqas minn sena, dan skont regolament 5(6) tal-istess regolamenti

**F'każ ta' sejbien ta' ħtija taħt l-Att dwar il-protezzjoni tal-Ambjent il-Qorti hija mitluba illi minbarra l-għoti tal-piena msemmija taħt Artikolu 84(1):**

(a) Tikkonfiska l-*corpus delicti* u tordna lill-ħati biex ineħħi l-kawżi tar-reat u li jregga ' lura kull ħaġa li tkun saret mingħajr awtorizzazjoni, fi żmien li jkun biżżejjed għal hekk, iżda f'kull każ mhux aktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, kif jiġi stabbilit mill-Qorti; u, jekk il-ħati jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, timponi multa ta' mhux inqas minn ħamsin euro (€50) u mhux iżjed minn mija u tletin euro (€130), skont ma tistabbilixxi l-qorti, għal kull ġurnata li n-nuqqas, jitkompla wara li jiskadi l-imsemmi żmien, u dan skont Artikolu 84 (2) tal-At

**Il-Qorti mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl- Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali fit-28 ta' Awwissu 2020 a tenur tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali sabiex il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Rat illi l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest bis-saħħa ta' digriet mogħti fit-28 ta' Awwissu 2020 bil-fakolta' li jmur lura f'pajjiżu ċioe' Franza taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li jkun disponibbli lill-Pulizija Ezekuttiva erbgħa u għoxrin (24) siegħa kuljum fuq it-telefon ċellulari u fuq imejl;

Rat id-digriet mogħti minnha fl-14 ta' Ottubru 2020 u d-digriet sussegwenti mogħti fid-19 ta' Novembru 2020 fejn laqgħet it-talba tal-imptuat sabiex din il-kawża tinstema' fl-assenza tiegħu (*in absentia*) previa li huwa jkun prezenti fid-data tal-prolazzjoni tas-sentenza[1];

Rat il-ħatra ta' Dr. Anthony Licari bl-inkarigu[2], sussegwentement estiż[3], li jittraduċi għal-lingwa Franċiża t-traskrizzjonijiet tat-testimonjanza tax-xiehda kollha li jixhdu f'dawn il-proċeduri;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet lill-imputat jixhed fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2023 permezz ta' kollegament bil-vidjo-konferenza u semgħetu jixhed ukoll fl-istess seduta, in kontro-eżami;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza u l-imputat huwa preżenti;

Ikkunsidrat;

[11] Ara dikjarazzjonijiet f'paġni 41 u 265 tal-atti tal-kawża.
[2] 19 ta' Ottubru 2020.
[3] 1 ta' Marzu 2021.

L-imputat qed jiġi mixli li kkaġuna ħsara fil-Park magħrif bħala Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja, u f'siti oħrajn protetti mil-liġi mal-kosta u fil-kampanja Maltija, inkluż f'Għawdex u Kemmuna. li huma protetti għall-fini tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent u r-regolamenti magħmulin taħtu, meta biex jimmarka r-rotta li kellhom jgħaddu minnha l-atleti li kienu sejrin jipparteċipaw f'attivita' ossia maratona li ġiet organizzata minnu[4] tramite l-entita' estera magħrufa bħala Nature Extreme Development, penġa vleġeġ, sinjali u marki oħrajn b'żebgħa tal-kulur aħmar fuq għadd kbir ta' blat u ġebel mifrux fuq area sostanzjali fil-Majjistral Park u siti oħrajn Dan mhux kontestat mill-imputat li fix-xhieda tiegħu jistqarr bla tlaqliq illi tassew kien organizza l-attivita' sportiva ta' *trail running* li kellha ssir bejn l-20 u d-29 ta' Awwissu 2020 u li kien għamel huwa stess is-sinjali ħomor biex tiġi indikata r-rotta li kellhom isegwu l-atleti matul l-attivita'. Insista iżda, li huwa kien ħa ħsieb juża spray taż-żebgħa tat-tip biodegradable u water soluble li titlaq waħedha u tista' wkoll titneħħa faċilment mingħajr tħalli marki permanenti[5].

Għandu jingħad illi mill-provi jirriżulta, u f'kull każ mhux kontestat, illi l-imputat kien stqarr minnufih hekk kif ġie mitkellem mill-Pulizija li hu kien penġa diversi marki, iżda mhux il-marki kollha[6], f'xi siti protetti li kienu saru rapporti dwarhom biex jimmarka r-rotot għall-attivita' sportiva kien organizza f'Malta, Għawdex u Kemmuna[7] u dan wara li ngħata twissija tad-drittijiet legali tiegħu[8]. Aċċetta wkoll li jneħħi dawn il-marki huwa stess flimkien ma' persuni oħrajn imqabbdin minnu, bl-użu ta' metodolġija li ġiet maqbula bejnu u bejn l-uffiċjali tal-ERA[9] u kko-opera mal-uffiċjali tal-ERA meta indikalhom il-marki li kien għamel fis-sit tal-Majjistral Park u diversi siti oħrajn fl-inħawi ta' Ghajn Tuffieħa. Fil-fatt l-imputat iddikjara, dejjem wara li ġie mwissi bid-drittijiet legali tiegħu, li ried jikkollabora mal-uffiċjali tal-ERA u li kien ser ineħħi l-marki kollha li saru minnu sa nhar il-Ġimgħa 28 ta' Awwissu 2020. Hu aċċetta li jakkumpanja lill-uffiċjali tal-ERA biex jurihom l-interventi li kien

---

[4] Ara Dok. SA1 u Dok. SA2, "Malta & Gozo Islands Ultra-Trail from the 22nd to the 29th August 2020"
[5] Ara ritratt Dok. SA4, 5 u 6.
[6] Xhieda ta' Roderick Farrugia u PC544 Darren Micallef
[7] Ara xhieda Stanley Gatt 26 ta' Jannar 2021.
[8] Ara xhieda tal-Ispettur Elliot Magro, 15 ta' Lulju 2021, u xhieda ta' Roderick Farrugia, 6 ta' Mejju 2021.
[9] Ara xhieda Stanley Gatt, 26 ta' Jannar 2021 u xhieda ta' Maria Attard, 1 ta' Marzu 2021: bl-użu ta' steel wool u detergent.

għamel biex jitneħħew il-marki taż-żebgħa fejn u għalkemm mill-ispezzjonijiet li saru fis-27 ta' Awwissu 2020 f'erba' siti differenti, ġie kostatat li bosta minn dawn il-marki taż-żebgħa ċċaraw mhux ħażin, oħrajn kienu għadhom viżibbli ħafna fuq il-ġebel u l-blat filwaqt li wħud reġgħu feġġew wara li tneħħa minn fuqhom it-trab li kien tpoġġa fuq il-marki f'wieħed mit-tentattivi li saru mill-imputat u persuni mqabbdin minnu biex jostor il-marki taż-żebgħa mhux skont il-metodoloġija li kien aċċetta li juża għat-tneħħija tal-marki[10]. Jirriżulta wkoll li mill-eżerċizzju li sar b'kollaborazzjoni bejn l-imputat u l-uffiċjali tal-ERA u minn survey li sar sussegwentement[11], b'kollox ġew identifikati 2,582 marka[12] matul spezzjonijiet li saru fir-rotot kollha identifikati mir-reklam tal-attivita' sportiva li organizza l-imputat, liema rotot għaddew minn żoni protetti u siti speċjali ta' konservazzjoni kif ukoll minn żoni li ma jisabux f'żoni protetti. Ġie prodott ukoll dokumentazzjoni li turi illi l-ispejjeż li jridu jintefqu għat-tindif u tneħħija ta' dawn il-marki kollha taż-żebgħa jlaħħqu s-somma massima ta' €144,890 u somma minima ta' €119,070[13], liema stima ġiet komputata abbażi ta' ċifri li nksibu mingħand Heritage Malta.

Jirriżulta wkoll mix-xhieda illi ma kienx ġie mitlub u ma nħareġ ebda permess mingħand l-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi biex issir l-attivita' konsistenti f'spray painting f'xi żona protetta[14].

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ in diżamina, kif rajna l-imputat ammetta minnufih li kien hu li għamel is-sinjali biż-żebgħa fil-kampanja u matul il-kosta f'diversi inħawi ta' Malta u Għawdex u dan fil-preżenza tal-uffiċjali tal-Pulizija u l-uffiċjali tal-ERA u wkoll wara li ngħata twissija dwar id-drittijiet legali tiegħu għas-silenzju u għall-assistenza ta' avukat,

---

[10] Ara wkoll xhieda ta' Stefan Azzopardi, 19 ta' Novembru 2020.

[11] Fis-16 ta' Settembru 2020, 6 ta' Ottubru 2020 u 13 ta' Ottubru 2020, xhieda ta' Gilbert Haber, 21 ta' Jannar 2021.

[12] Dok. SA22, xhieda ta' Stefan Azzopardi, 19 ta' Novembru 2020.

[13] Ara Dok. SA15, dokument f'paġna 196 (parti minn Dok. SA17), dokument f'paġna 199 (parti minn Dok. SA18), dokument f'paġna 202 (parti minn Dok. SA19), dokument f'paġna 205 (parti minn Dok. SA20), dokument f'paġna 208 (parti minn Dok. SA21), u Dok. SA22 (total).

[14] Xhieda Stanley Gatt, 26 ta' Jannar 2021.

liema drittijiet huwa għażel li ma jagħmilx użu minnhom. Kemm hu hekk huwa għadda biex indika lill-uffiċjali minn fuq mappa li kellu fil-pussess tiegħu diversi siti ġewwa Malta, Għawdex u Kemmuna fejn kien għamel marki biż-żebgħa biex jindika r-rotta li minnha kellhom jgħaddu l-atleti li kienu qed jipparteċipaw fit-*trail running event* organizzata minnu. Barra minn hekk, l-imputat akkumpanja lill-uffiċjali dak il-ħin stess biex jurihom xi marki li kien għamel fosthom fis-sit tal-Majjistral Park u diversi siti oħrajn fl-inħawi ta' Ghajn Tuffieħa u biex jurihom kif iż-żebgħa titlaq bl-użu ta' ftit ilma u sapun. Dan jirriżulta mix-xhieda ta' diversi uffiċjali li xehdu quddiem il-Qorti.

Għall-Qorti dan kollu magħdud jammonta għal konfessjoni estra-ġudizzjarja da parti tal-imputat li huwa għamel il-marki taż-żebgħa li ġew identifikati minnu f'dawk is-siti fejn ġie akkumpanjat mill-uffiċjali tal-Pulizija u uffiċjali tal-ERA u fil-preżenza tagħhom. Il-Qorti sejra tagħti piż probatorju lil din il-konfessjoni mhux biss għaliex saret fil-prezenza ta' uffiċjali tal-Pulizija u uffiċjali tal-ERA li entrambi huma awtoritajiet għall-enforzar tal-liġi, iżda saret wara li l-imputat kien debitament imwissi dwar id-drittijiet legali tiegħu skont kif jeħtieġu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 355AUA tal-Kodiċi Kriminali[15].

Fis-sentenza reċenti mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Tabone**, saret referenza għas-sentenza tat-3 ta` Dicembru 2004 mogħtija mill-istess Qorti iżda fis-sede superjuri tagħha, fil-kawża **Ir-Repubblika ta` Malta vs Salvatore sive` Saviour Bugeja**, fejn kien deċiż:

"*Issa hu accettat li kull dikjarazzjoni tal-akkuzat maghmula qabel, waqt jew wara l-att inkriminat tista' tingieb bhala prova kontra tieghu w l-konfessjoni li tkun saret volontarjament tista' tittiehed bhala prova tal-htija tieghu. Ta' spiss jinghad li l-*

---

[15] Art. 355AUA*(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*
*(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali.*
*(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e)...;*

*konfessjoni tal-akkuzat hija l-prova regina. '.... Admissions or confessions to persons other than magistrates, if in writing, are proved as any other written instrument .. If made by parol, they are proved by parol evidence of some person who heard them. What a prisoner has been overheard to say to another, or to himself, is equally admissible; though it is evidence to be acted upon with much caution, as being liable to unintentionally misinterpreted by the witnesses. (Archbold page 376)*"

L-istess Qorti ċitat ukoll lill-Professur Mamo li fin-noti tieghu dwar proċedura kriminali[16], jgħallem illi:

"*Extrajudicial Confessions are those were the defendant either expressly confesses his guilt or makes admission of facts from which his guilt may be implied, under any circumstances other than those described in respect of judicial confessions. They may be in writing or oral.*

*So that a confession may be received in evidence against the person who made it the law (sec.658) requires that it shall appear that such confession was made voluntarily and was not extorted or obtained by means of threats or intimidation, or of any promise or suggestion of favour. There is no presumption in law that a confession not free and voluntary is false; it is excluded on the ground that improper threats or promises may influence an accused or suspected person to say what is not true, and therefore a confession made in such circumstances cannot be safely acted upon.*

*It is obviously right that a person knowing his guilt should, if he so wishes, confess at the earliest opportunity, and there is no reason why he should be discouraged from so doing. But the law requires that the confession shall have been made voluntarily and, in the practice of our courts, the prosecution must give affirmative 'prima facie' evidence that it was so made. The law says 'voluntarily' and not 'spontaneously'……"*

[16] F'pagni 100-101.

Din il-konfessjoni tal-imputat ġiet mogħtija volontarjament u bid-debiti kawteli skont il-liġi u għalhekk sejra titqies mill-Qorti bħala prova kontrih għall-fini li jiġi deċiż jekk huwiex ippruvat li l-imputat Serge Morel Ernest Jean Raymond għamel huwa stess il-marki biż-żebgħa jew uħud minnhom li skont il-Prosekuzzjoni, ikkaġunaw ħsara magħmula volontarjament lill-proprjeta' ta' terzi. Iżda mhux hekk biss: jirriżulta li din il-konfessjoni ġiet ulterjorment riaffermata mill-imputat meta huwa kkommetta ruħu li jneħħi dawn il-marki taż-żebgħa bl-użu ta' metodu li ġie miftiehem bejnu u bejn l-uffiċjali tal-Pulizija u tal-ERA u l-għada, 27 ta' Awwissu 2020, akkumpanja lil dawn l-uffiċjali f'erba' siti differenti fejn kienu saru l-marki tż-żebgħa, u indikalhom l-interventi li kien għamel biex jitneħħew il-marki taż-żebgħa.

Minn dan il-Qorti hi sodisfatta illi ġie ppruvat sodisfaċjentement u b'mod konklussiv li ma tħallix f'moħħ il-Qorti lok għal dubju li huwa raġjonevoli, illi l-imputat wettaq huwa stess numru ta' sinjali biż-żebgħa tal-kulur aħmar f'dawk is-siti fejn ġie akkumpanjat mill-uffiċjali tal-infurżar tal-liġi u fejn ammetta bla tlaqliq li kien hu li kien żebagħ il-vleġeġ u sinjali oħrajn riskontrati f'diversi partijiet minn dawn is-siti.

Madanakollu, il-Qorti ma tistax tasal serenament biex tikkonkludi li l-imputat huwa ħati il-marki kollha anke dawk li ġew riskontrati f'siti oħrajn f'Malta, Għawdex u Kemmuna fejn ma jirriżultax illi l-imputat kien akkumpanja lill-uffiċjali tal-ERA f'Għawdex u Kemmuna biex jurihom il-marki li kien għamel ukoll f'dawn is-siti. Fil-fatt, dan ġie eskluż minn Gilbert Haber li kien spezzjona r-rotot f'Għawdex u Kemmuna u ħa ritratti tal-marki li sab u li xehed illi huwa qatt ma ltaqa' mal-imputat u l-imputat qatt ma kien preżenti meta għamel dawn l-ispezzjonjiet.

Huwa minnu li l-uffiċjali tal-ERA xehdu li ġew riskontrati marki u vleġeġ biż-żebgħa ta' kulur aħmar fis-siti mmarkati bħala Malta North Route 1, Malta North Route 2, Malta North Route 3, Gozo West Route, Comino ......., fuq rotot li jaqblu mar-rotot indikati fuq il-mapep Dok. SA7 u SA8[17] u tassew l-imputat stqarr li huwa għamel il-

[17] Dawn il-mapep ġew elevati mill-pussess tiegħu meta ġie mitkellem mill-Pulizija fis-26 ta' ta' Awwissu 2020 (ara xhieda Spettur Elliot Magro).

marki wkoll fuq dawn ir-rotot l-oħra biex jindika minn fejn kellhom jgħaddu l-atleti. Iżda meta din l-ammissjoni saret b'mod tant ġeneriku mill-imputat u mhux fuq il-lok fejn instabu dawn is-sinjali l-oħra, il-Qorti qatt ma jista' jkollha s-serħan tal-moħħ u l-konvinċiment morali meħtieġ għall-fini ta' sejbien ta' ħtija kriminali, illi l-marki kollha li instabu fuq dawn ir-rotot addizzjonali f'Malta, Għawdex u Kemmuna huma marki li saru mill-imputat innifsu b'idejh. Dan qed jingħad għaiex l-imputat ma jistax jitqies li ammetta l-ħtija tiegħu speċifikatament in kwantu għal eluf ta' sinjali u vleġeġ li nstabu f'postijiet oħrajn meta mill-provi ma jirriżultax li huwa indika dawn is-sinjali lill-uffiċjali tal-ERA jew lill-Pulizija fiżikament fuq is-sit relattiv u meta ma jirriżultax lanqas li ġie muri ritratti ta' dawn il-marki. Fil-fatt, is-sinjali u marki biż-żebgħa fuq dawn ir-rotot ulterjuri ġew identifikati uffiċjalment minn uffiċjali tal-ERA diversi gimgħat wara u għalhekk fiż-żmien meta l-imputat stqarr li kien għamel marki biż-żebgħa f'rotot oħrajn, huwa ma setax kien qed jammetti li wettaq marki partikolari u speċifiċi li ntwerew lilu biex jidentifikahom.

Fil-fehma tal-Qorti, il-konfessjoni tal-persuna suspettata jew imputata trid tkun skjetta u speċifika meta si tratta tat-twettiq ta' ħsara f'postijiet differenti u meta l-ħsara qed jiġi allegat li saret f'elfejn oġġett differenti. L-ammissjoni ġenerali tal-persuna li mijiet jew eluf ta' marki biż-zebgħa ta' kulur aħmar mifruxin ma' Malta, Għawdex u Kemmuna saru minnu, mingħajr ma jiġi muri u mingħajr ma jidentifika kull istanza ta' ħsara li jkun qed jiġi suspettat jew mixli bit-twettiq tagħha u li jkun qed jammetti l-ħtija dwarha, ma tgħoddx u ma tiswix, ħlief għal dawk l-istanzi ta' ħsara li saret konfessjoni speċifika u infurmata dwarhom, f'dan il-każ is-sinjali taż-żebgħa li ntwerew mill-uffiċjali tal-inforzar tal-liġi lill-imputat fiżikament fuq is-sit u li ammetta li għamilhom hu personalment.

Mix-xhieda jirriżulta li l-imputat kien preżenti biss matul l-ispezzjonijiet li saru f'erba' rotot b'kollox: rotta ġewwa Għajn Tuffieħa[18], rotta oħra bejn Għajn Tuffieħa Bay u r-Ramla tal-Mixquqa[19], rotta fi Triq in-Naħħalija[20], rotta f'żona magħrufa bħala

[18] Dok. SA9, ritratti minn paġna 80 sa paġna 104 tal-atti proċesswali.
[19] Dok. SA10, ritratti minn paġna 106 sa paġna 127 tal-atti proċesswali.

In-Naħħalija[21] u rotta oħra fl-inħawi ta' Għajn Żnuber[22] u l-Qorti hija għalhekk konvinta li l-imputat, ġaladarba kien qed jakkumpanja lill-uffiċjali tal-ERA meta saru dawn l-ispezzjonijiet u ttieħdu r-ritratti relattivi, u ammetta li dawn is-sinjali kien għamilhom kollha hu ħlief għal xi wħud[23], għandu jitqies li ammetta l-ħtija tiegħu **limitatament** in kwantu għall-ħsarat konsistenti fiż-żebgħa ta' kulur aħmar fuq il-blat, ġebel u oġġetti oħrajn li jidhru fl-imsemmija ritratti esebiti fl-atti proċesswali, liema istanzi ta' ħsara, ċirka 120 b'kollox, jinsabu dokumentati individwalment fit-tabelli li wkoll jinsabu esebiti fl-atti proċesswali[24].

Mill-provi ma jirriżultax li l-imputat akkumpanja lill-uffiċjali tal-ERA fl-ispezzjonijiet li saru tar-rotot f'Kemmuna u Għawdex[25] u r-rotta Malta North Route 1, Malta North Route 2 u Malta North Route 3, li mix-xhieda jirriżulta li jikkorrispondu mar-rotot li kienu mmarkati fuq il-mapep li dehru fir-reklami tal-avveniment sportiv reklamata mill-imputat u l-mapep li nstabu fil-pussess tiegħu[26]. Ix-xhieda li ressqet il-Prosekuzzjoni eskludew li l-imputat kien preżenti waqt is-surveys li saru minn uffiċjali tal-ERA għall-fini tal-identifikazzjoni u dokumentazzjoni tal-vleġeġ u sinjali ta' żebgħa fir-rotot ippjantati mill-imputat f'dawn l-imsemmija siti. Dan qed jingħad għaliex hu evidenti li l-ispezzjonijiet ta' dawn is-siti twettqu mill-uffiċjali tal-ERA matul ix-xhur ta' Settembru 2020 u Ottubru 2020[27], ċioe' fil-mori ta' dawn il-proċeduri **wara** li l-imputat kien diġa' ġie mixli bl-akkużi li għandha quddiemha din il-Qorti u mar lura lejn pajjiżu[28]. **Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jitqies li assuma responsabbilita', wisq inqas ammetta għall-ħtija kriminali, in kwantu l-**

---

[20] Dok. SA11, ritratti minn paġna 130 sa paġna 145 – mhux żona protetta.
[21] Dok. SA12, ritratti minn paġna 147 sa paġna 168 tal-atti proċesswali.
[22] Dok. SA13, ritratti minn paġna 170 sa paġna 191 tal-atti proċesswali.
[23] Ara xhieda ta' PC544 Darren Micallef, 6 ta' Mejju 2021, *"... saqsejnieh għamilhomx hu, qalillna: '*Le jien kollha għamilthom jiena pero' dawn mgħamilthomx, dawn l-erbgħa li kienu hemmhekk, l-oħrajn kollha jien għamilthom'. *U bdejna nduru u nimxu u ġew ffotografati mill-membri tal-ERA u dokumentati."* Għall-Qorti din il-konfessjoni saret in kwantu għall-marki ħomor li ntlemħu u ntwerewlu waqt l-ispezzjoni li saret f'Majjistral Parlk, Għajn Tuffieħa u l-inħawi.
[24] Tabella f'paġni 80 u 81, 106 u 107, 129, 147 u 148, u 170 u 171, xhieda ta' Stefan Azzopardi, 19 ta' Novembru 2020.
[25] Ara xhieda ta' Gilbert Haber, 26 ta' Jannar 2021.
[26] Dok. SA7 u Dok. SA8.
[27] Ara xhieda ta' Courtney Anne Vella u Jacques Azzopardi, 1 ta' Marzu 2021.
[28] Ara digriet li bih l-imputata ingħata l-ħelsien mill-arrest, 28 ta' Awwissu 2020 u rikors tal-imputat biex il-proċeduri jinstemgħu *in absentia*, 13 ta' Ottubru 2020.

**marki taż-żebgħa li ġew identifikati minn spezzjonijet li saru mhux fil-prezenza tiegħu u wara li huwa ġie mixli quddiem il-qorti fi proċeduri penali u kwindi mingħajr ma ġie muri u konfrontat bil-marki kollha li qed jiġi allegat illum li ġew magħmula minnu.**

Il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat, meta ġie mixli quddiem il-qorti fit-28 ta' Awwissu 2020 bir-reat ta' ħsara volontarja u b'diversi reati taħt l-Att dwar l-Ambjent u r-Rizorsi u r-regolamenti magħmulin taħt l-Att, ġie hekk mixli limitatament in kwantu għal dik il-ħsara li f'dak l-istadju kien ġie kostatat u dokumentat mill-uffiċjali tal-ERA, u aktar minn hekk, il-konfessjoni tiegħu b'rabta mal-ħsara kkaġunata f'diversi siti li fihom ġew immarkati r-rotot bil-vleġeġ u marki taż-żebgħa, setgħet saret biss limitatament għal dawk il-marki u l-ħsara relattiva li huwa afferma effettivament u speċifikatament li saru minnu, ċioe' il-marki u l-ħsara dokumentati f'Dok. SA9, SA10, SA11, SA12 u SA13 biss.

Il-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova oħra li torbot lill-imputat ineżorabbilment mal-marki taż-żebgħa l-oħra kollha li ġew identifikati fis-siti indikati fil-mapep Dok. SA14 sa Dok. SA17, b'mod li jista' jiġi raġjonevolment eskluż li dawn il-marki seetgħu saru minn xi terza persuna, anke xi ħadd li kien qed jaġixxi fuq struzzjonijiet tal-imputat. Il-fatt li l-imputat huwa l-organizzatur tal-avveniment sportiv li minħabba fih saru l-marki fir-rotot fejn kellhom jgħaddu l-atleti u l-fatt li assuma responsabbilita' għall-marki, ma jfissirx neċessarjament li għamel dawn il-marki kollha b'idejh u ma qabbadx terzi persuni biex jassistuh. Il-Qorti żgur mhux sejra tispekola dwar dan u f'kull każ, m'hemm xejn fil-provi u l-atti proċesswali li jeskludi li l-marki taż-żebgħa li saru f'siti oħrajn li ma ġewx spezzjonati fil-presenza tal-imputat u ma ġewx identifikati fil-presenza tiegħu, setgħu raġjonevolment saru minn terzi persuni[29], għad illi fuq struzzjonijiet tal-imputat. Dan qed jingħad anke għaliex l-uffiċjali tal-ERA li xehdu f'dawn il-proċeduri kkonfermaw li kien hemm numru ta'

[29] Ara xhieda ta' Roderick Farrugia fir-rigward tal-ispezzjoni li saret fis-27 ta' Awwissu 2020: "*Is-sur Morel qalilna li għamel diversi marki hu iżda mhux kollha kienu tiegħu...*", 6 ta' Mejju 2021. Ara wkoll xhieda tal-Ispettur Elliot Magro, 15 ta' Lulju 2021.

persuni u mhux l-imputat biss, li intervjenew fit-tindif tas-siti u t-tneħħija tal-marki taż-żebgħa[30].

Hija għaldaqstant il-fehma tal-Qorti li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova konkreta u konklussiva li ssawwar f'moħħha konvinċiment morali li kien l-imputat biss ad eskluzjoni ta' xi ħaddieħor li żebagħ il-vlegeg u marki l-oħra kollha riskontrati fis-siti msejħa Malta North Route 1, Malta North Route 2, Malta North Route 2, Malta North Route 3 u s-siti f'Għawdex u Kemnuna (Dok. SA14 sa Dok. SA21) u konsegwentement, mhix sejra ssibu ħati li wettaq xi reat minn dawk li ġie mixli bihom fiċ-ċitazzjoni safejn għandhom x'jaqsmu l-vleġeġ u marki biż-żebgħa tal-kulur aħmar li ġew identifikati f'dawn is-siti u l-ħsara li setgħtet ġiet ikkaġunata b'dawn il-marki taż-żebgħa.

Minbarra dan, għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għall-ħsara kkaġunata f'kull blata, ġebla jew oġġett ieħor li huwa speċifikatament ammetta l-ħtija dwarha, il-Qorti tqis li trid tiġi riskontrata fl-atti u fil-provi proċesswali, prova konklussiva ta' dik il-ħsara sija in kwantu l-lok fejn saret kif ukoll ix-xorta u l-entita' tad-dannu. Din il-prova kif ingħad, tikkonsisti fir-ritratti tal-marki taż-żebgħa fuq numru ta' ġebel u blat u partijiet oħrajn minn diversi siti li ġew spezzjonati fil-preżenza tal-imputat.

Ikkunsidrat;

Applikat dan kollu għar-reat ta' ħsara volontarja li ġie addebitat lill-imputat fl-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati, bil-konfessjoni tiegħu nnifsu, li wettaq ħsara lill-blat, ġebel u partijiet oħrajn mis-siti diġa' identifikati meta żebagħ vleġeġ u sinjali oħrajn fuqhom b'żebgħa ta' kulur aħmar.

Għalkemm l-imputat insista anke fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti li huwa ħa ħsieb biex jixtri żebgħa tat-tip water-soluble li titlaq bl-użu ta' ftit ilma, il-Qorti mhijiex sodisfatta li din il-verżjoni ġiet ippruvata sal-grad tal-probabbli għaliex meta saru

[30] Dan ġie affermat ukoll minn Camilla Appelgren, xhieda tas-6 ta' Mejju 2021. Ara wkoll usb Dok. CA1.

tentattivi biex iż-żebgħa titneħħa biss bl-ilma, din ma telqitx u kien biss meta ntużaw deterġenti u sponoż li ż-żebgħa bdiet tiċċara. Fuq kollox, il-bott taż-żebgħa ta' lewm aħmar li ġiet elevata mill-pussess tal-imputat[31], imkien ma jindika fuqu li huwa biodegradable jew water soluble kif sostna l-imputat.

Jirriżulta li dawn il-marki jikkonsistu f'speċi ta' graffiti miżbugħ b'żebgħa tal-kulur aħmar f'forma ta' vleġeġ u ċrieki u sinjali oħrajn. Din iż-żebgħa bla dubju tkerrah l-ambjent fejn jidher għaliex il-kulur aħmar jispikka b'mod evidenti speċjalment fuq il-blat li jifforma parti mill-ambjent naturali. Il-Qorti hi għalhekk sodisfatta li l-marki li saru fuq il-blat u f'partijiet oħrajn tal-kampanja Maltija b'din iż-żebgħa - li ma titneħħiex faċilment bl-użu tal-ilma - jikkostitwixxu l-element materjali tal-ħsara għall-fini tar-reat l-artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali u konsegwentement, billi huwa ppruvat ukoll l-marki saru mill-imputat volontarjament, huwa għandu jinstab ħati tar-reat ta' ħsara volontarja.

L-imputat ġie mixli wkoll li kkaġuna din il-ħsara fuq proprjeta' tal-Gvern ta' Malta u jew persuna jew persuni oħrajn. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti hu evidenti li l-marki taż-żebgħa li ġie ppuvat li għamilhom mill-imputat, saru fuq proprjeta' pubblika li hi amministrata mill-Awtorita' dwar l-Ambjent u r-Rizorsi. Stabbilit dan, għandu jingħad illi t-tielet proviso tal-artikolul 325(1) tal-Kap. 9 jiddisponi illi fil-każ ta' ħsara lill-proprjetà pubblika, il-piena tiżdied bi grad jew tnejn, u l-ħati għandu jiġi ikkundannat iħallas multa ekwivalenti għall-ħsara li tkun saret.

In kwantu għall-valutazzjoni tal-ħsara li ġiet ikkaġunata fil-proprjeta' pubblika, għall-fini tal-komputazzjoni tal-multa li trid tiġi inflitta in linea ta' piena, il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Filwaqt li Noel Zammit, kap eżekuttiv ta' Heritage Malta ikkonferma fix-xhieda tiegħu[32] l-metodu li jrid jintuża mill-conservators ta' Heritage Malta biex il-marki taż-

---

[31] Esebita bħala Dok. EM1, esebit numru KA364/2021.
[3232] Xhieda ta' Noel Zammit, 6 ta' Mejju 2021.

żebgħa jitneħħew mill-blat u l-ġebel, huwa fl-ebda waqt ma xehed dwar l-ispejjeż li jeħtieġi jintefqu għat-tindif tal-ġebel u l-blat miż-żebgħa u baqa' ma kkonfermax iċ-ċifri li jinsabu indikati fl-istimi Dok. SA15 u Dok. SA17 sa Dok. SA22, ċifri li Stefan Azzopardi xehed li ngħataw lil ERA minn Heritage Malta. Fil-fatt, dawn l-istimi ma ġewx murija lil Noel Zammit waqt id-depożizzjoni tiegħu biex jikkonferma jekk humiex ibbażati fuq iċ-ċifri li Heritage Malta għaddiet lil ERA.

Għall-Qorti dan ifisser li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aħjar prova dwar il-valur tal-ħsara sofferta mill-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi, ossia lill-Gvern b'riżultat tal-azzjonijiet tal-imputat. L-aħjar prova kienet tikkonsisti fix-xhieda ta' rappreżentant ta' Heritage Malta, f'dan il-każ, biex jikkonferma ċ-ċifri li fuqhom ġew kompilati l-istimi esebiti minn Stefan Azzopardi u jfisser f'hiex jikkonsistu l-ammonti relattivi, multo magis meta l-valur komplessiv tal-ħsara li l-imputat qed jiġi mixli li kkaġuna u qed jintalab li jiġi kkundannat iħallas għall-fini ta' piena, hi astronomika. Ix-xhieda ta' Stefan Azzopardi, waħedha, m'hijiex l-aħjar prova li l-Prosekuzzjoni kienet fi dmirha tressaq u indubbjament, mhijiex biżżejjed biex tissodisfa dan l-oneru għaliex *ex admissis* huwa ħadem l-istimi tal-ispejjeż għat-tindif fuq informazzjoni li ġiet ipprovduta lilu minn terzi li ma nġabux jixhdu quddiem il-Qorti meta evidentement ma kien hemm ebda impediment biex dawn it-terzi persuni jitressqu biex jixhdu u jikkonfermaw il-valur tat-tindif, tant illi kien tabilħaqq xehed Noel Zammit il-kap eżekuttiv ta' Heritage Malta

Huwa minnu illi s-subartikolu (2) tal-artikolu 325 tal-Kap. 9 jipprovdi illi jekk minħabba n-natura jew importanza ġeoloġika, paleontoloġika, arkeoloġika, arkitettonika, artistika jew storika tal-proprjetà mħassra, danneġġata jew mgħarrqa ma jkunx possibbli lil-ħsara titqies skont ir-regola stabbilita fl-artikolu 335, il-ħsara għandha titqies li tkun ta' aktar minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69). Iżda evidentement, dan mhux każ fejn il-valur tal-ħsara fil-proprjeta' danneġġjata ma setax jiġi smat għaliex Stefan Azzopardi xehed li l-valur tal-ħsara ġie stmat f'somma li tvarja bejn €119,070 u €144,890, rappreżentanti l-ispejjeż li jridu jintefqu mill-Awtorita' dwar l-Ambjent u r-Rizorsi għat-tindif tal-blat

u ġebel u oġġetti oħrajn u t-tneħħija taż-żebgħa, ikkalkolata abbażi ta' prezzijiet li ġew indikati lilu minn Heritage Malta. Dan ifisser illi l-valur tal-ħsara huwa effettivament kwantifikabbli bl-applikazzjoni tar-regola taħt l-artikolu 335 tal-Kap. 9[33].

Inoltre, ma jirriżultax miċ-ċitazzjoni li l-Prosekuzzjoni addebitat lill-imputat li kkaġuna ħsara volontarja fuq proprjeta' "*li għandha importanza ġeoloġika, paleontoloġika, arkeoloġika, arkitettonika, artistika jew storika*" jew fuq proprjeta' li minħabba n-natura tagħha mhux possibbli li jiġi stmat il-valur tal-ħsara. Għall-Qorti, ġaladarba din il-kwalita' tal-proprjeta' mħassra, danneġġjata jew mgħarrqa ma ġietx imsemmija espressament għall-fini tal-valur tal-ħsarat b'rabta mal-ewwel imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-Artikolu 325 tal-Kap. 9 - liema ħsarat ġew indikati fiċ-ċitazzjoni biss bħala "*komplessivament jiskorru l-ammont ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500)*", l-imputat ma jistax jinstab ħati li kkaġuna ħsara f'proprjeta' li minħabba n-natura u l-importanza tagħha, il-ħsara għandha titqies awtomatikament li teċċedi s-somma ta' €1,164.69.

Għalhekk, billi ma setgħetx tistrieħ fuq il-presunzjoni maħluqa mis-subartikolu (2) tal-artikolu 325 tal-Kap. 9, il-Prosekuzzjoni kienet fid-dmir li tressaq prova ad hoc tal-valur tal-ħsarat ikkaġunati mill-imputat fil-proprjeta' pubblika. Kif diġa' ngħad, il-prova li tressqet fir-rigward ma tilħaqx il-grad meħtieġ għal sejbien ta' ħtija kriminali għalie mhijiex l-aħjar prova li l-Prosekuzzjoni setgħet iġġib fiċ-ċirkostanzi u l-Qorti ma taqbilx li għandha tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' multa li hija l-ekwivalenti tal-valur ta' ħsara li m'huwiex sodisfaċjentement ippruvat bix-xhieda tal-persuna li ħarġet biċ-ċifri li fuqu nħadem dan il-valur għaliex il-persuna li pprovdiet il-prezzijiet qatt ma xehdet biex tfisser f'hiex jikkonsistu dawn il-prezzijiet u li dawn jirrappreżentaw prezzijiet raġjonevoli fuq is-suq. Għaldaqstant, ix-xhieda ta' Stefan Azzopardi u d-dokumenti esebiti minn b'indikazzjoni tal-ispejjeż biex tiġi rimedjata l-ħsara li saret bl-użu taż-żebgħa, ma għandhiex valur probatorju. Jingħad ukoll illi

[33] *Fir-reati li għalihom il-piena tiġi mogħtija skont ma jkun il-valur tal-ħsara, dan il-valur ma jiġix meqjus mill-qligħ li jkun għamel il-ħati, lanqas mill-imgħaxijiet li jiżdiedu ma' dak il-qligħ, iżda jitqies biss fuq kemm tkun fil-fatt il-ħsara bħal ma jkun batiha l-offiż fiż-żmien tar-reat.*

anke jekk għal mument l-istimi prodotti minn Stefan Azzopardi kellhom jingħataw piż probatorju, xorta waħda jibqa' impossibbli għall-Qorti li tasal għal xi valur tal-ħsara li saret fil-blat, ġebel u oġġetti oħrajn li ġie ppruvat li ġew miżbugħa mill-imputat (125 b'kollox) għaliex ma nġabitx il-prova dwar liema sinjali ta' żebgħa fost dawk li l-imputat ammetta li saru minnu, jinsabu f'sit protett, f'sit mhux protett u barra mill-ambjent naturali, rispettivament, fejn f'kull każ jidher li huma applikabbli rati ossia prezzijiet differenti.

Dan kollu magħdud ifisser illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-valur tal-ħsara u konsegwentement, fin-nuqqas ta' ebda prova dwar il-valur tal-ħsara il-Qorti sejra ssib lill-imputat ħati taħt il-paragrafu (d) tal-artikolu 325(1) tal-Kap. 9 fejn l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29), bil-piena miżjuda bi grad jew tnejn iżda mingħajr il-kundanna għall-ħlas tal-multa in mankanza tal-prova tal-valur tal-ħsarat.

Ikkunsidrat;

Illi fit-tieni imputazzjoni, l-imputat qed jiġi mixli bil-ksur tar-regolament 18 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.44. Dan jipprovdi:-

*18. Ebda persuna ma tista' fi kwalunkwe żona f'SAC jew SPA tagħmel xi operazzjoni jew attività, sakemm dik l-operazzjoni jew attività ssir, jew tkun permessa li ssir, mis-sid jew okkupant ta' dak is-sit, u wara li wieħed minnhom ikun avża bil-miktub lill-awtorità kompetenti bil-proposta tal-operazzjoni jew attività, u liema avviż għandu jispeċifika x-xorta u s-sit propost u tali proposta tkun ġiet approvata mill-awtorità kompetenti.*

Il-Qorti minnufih tqis illi l-imputat ma jistax jinstab ħati taħt dan ir-regolament għall-fatt li huwa għamel sinjali biż-żebgħa fuq blat, ġebel u arbli f'xi sit protett jew żona speċjali ta' konservazzjoni jew żona ta' ħarsien speċjali. Dan qed jingħad għaliex dan l-att ma jiffigurax bħala attivita' jew operazzjoni li dwarha jeħtieġ l-approvazzjoni tal-

Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi: is-subregolament (3) tar-regolament 18, li taħtu qed jiġi mixli l-imputat, jiddefinixxi operazzjoni jew attivita' bħala waħda li hija relatata ma' żvilupp jew xogħol li jista' jkollu impatt fuq il-biodiversita' jew fuq is-sit[34].

Fil-fehma tal-Qorti, il-marki ħomor fuq blat u ġebel magħmulin bi *spray paint* ma jirrientrawx fid-definizzjoni ta' żvilupp u lanqas m'hu xogħol li jista' jkollu impatt fuq l-ispeċi ħajjin jew ekosistemi tas-sit in diżamina. In kwantu għal impatt fuq is-sit innifsu, il-Qorti ma taqbilx li f'dan il-każ inġiebet prova fil-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali li l-marki biż-żebgħa fuq xi blat u ġebel fis-sit kellhom jew għandhom il-propensita' li jkollhom impatt tal-estrem li l-liġi hi evidentement maħsuba biex tipprevjeni bir-rekwiżit li jinkiseb approvazzjoni mill-awtorita' kompetenti. Huwa minnu illi mix-xhieda ta' Stefan Azzopardi u d-dokumenti minnu esebiti[35] jirriżulta illi saru diversi marki biż-żebgħa f'żona protetta iżda kif diġa' ġie deċiż, l-imputat qed jinstab ħati li għamel biss ċirka mija u għoxrin (120) sinjal biż-żebgħa u bosta minn dawn is-sinjali ma sarux f'żona protetta. Fil-fatt, l-entita' u l-kalibru tal-attivita' f'żona li taqa' biex tiġi regolata taħt dan ir-regolament ma ġietx ipprovata sodisfaċjentement: kemm hu hekk, iż-żoni li fihom jirriżulta li saru l-marki taż-żebgħa jidher li hi mifruxa fuq eluf ta' metri kwadri ta' art fejn, inevitabbilment, dawn il-ftit marki jintilfu fil-vastita' tat-terren. Aktar minn hekk il-fatt illi mir-ritratti esebiti konġuntivament mill-Prosekuzzjoni u d-difiża fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2023[36], kważi tliet snin wara l-kommissjoni tal-allegat reat, jirriżulta li l-marki taż-żebgħa bilkemm għadhom jidhru tant iċċaraw bl-elementi u t-trapass taż-żmien[37].

Għall-kompletezza, u minħabba li Stefan Azzopardi kif ukoll Stanley Gatt xehdu li ma kienx ġie mitlub permess mingħand l-Awtorita' biex tiġi organizzata l-attivita' msejħa Malta & Gozo Islands Ultra-Trail ġewwa siti protetti taħt l-Att dwar l-Ambjent u r-

[34] (3) Għall-iskop ta' dan ir-regolament, "operazzjoni jewattività" tirreferi għal operazzjoni jew attività relatata ma' żvilupp,jew xi xogħol, li jista' jkollu impatt fuq il-biodiversità u l-SAC jew SPA.

[35] Ara dokumenti "Table 1", "Table 3", "Table 4" u "Table 5", f'paġna 193, 199, 202 u 205, rispettivament, tal-atti proċesswali.

[36] Ara wkoll ritratti esebiti mill-Prosekuzzjoni fl-24 ta' April 2023, Dok. EMX u EMY.

[37] Ara ritratti Dok. X1 sa X4.

Rizorsi, il-Qorti tirrimarka li huwa indiskuss illi l-attivita' sportiva fiha nnifisha, konsistenti f'trek jew tellieqa bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma tirreintra fid-definizzjoni ta' attivita' jew operazzjoni taħt ir-regolament 18 tal-L.S. 549.44.

Għaldaqstant il-Qorti m'hijiex sejra ssib ħtija fl-imputat għall-ksur tar-regolament 18 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.44, Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, addebitat lilu fit-tieni imputazzjoni.

**It-Tielet Imputazzjoni**

L-imputat qed jiġi mixli bi ksur tar-regolament 3(9) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.83 – Regolamenti dwar is-Sit ta' Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja:

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra u kemm il-darba persuna ma jkollhiex permess validu jew awtorizzazzjoni mill-Park Manager kif applikabbli, fil-konfini tal-Park mhux permess:*

....

*(i) l-ikkawżar ta' danni lill-Park u lill-bio-diversità fi ħdanu.*

Skont ir-regolament 5 kull persuna li tonqos milli tosserva d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolament jew jaġixxi bi ksur ta' xi projibizzjoni imposta fir-regolamenti, tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

Kif diġa' ġie deċiż, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova fil-grad meħtieġ għal sejbien ta' ħtija kriminali, li l-imputat ikkaġuna ħsara permezz ta' żebgħa ta' kulur aħmar, fuq blat, ġebel, art u partijiet oħrajn ta' Il-Majjistral Park u dan wara li huwa stqarr fil-preżenza ta' uffiċjali tal-Pulizija u tal-ERA wara li ġie debitament imwissi bid-drittijiet tiegħu, li uża żebgħa biex jagħmel sinjali ta' vleġeġ u marki oħrajn bħala senjaletika tar-rotta ta' maratona li ġiet organizzata minnu u indika huwa stess matul spezzjoni li saret fil-preżenza ta' uffiċjali tal-Pulizija u uffiċjali tal-ERA, dawk is-

sinjali taż-żebgħa li kien għamel huwa stess u li kien ipprova jneħħihom, fosthom fil-Majjistral Park[38].

Dan ifisser illi l-imputat għandu jinstab ħati li wettaq danni fil-Park konsistenti f'marki biż-żebgħa skont kif jidhru fir-ritratti esebiti fl-atti proċesswali, ċioe' r-ritratti formanti parti minn Dok. SA12 u Dok. SA13 li jikkonċernaw is-siti li jifformaw parti mill-Majjistral Park[39].

Għall-fini tal-piena, is-subregolament (3) tar-regolament 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.83 jipprovdi illi kull persuna li tikkommetti jew tipprova tikkommetti reat kontra xi regolament ieħor mhux imsemmi fis-subregolament ta' qabel dan jeħel, meta jinstab ħati:

*(a) l-każ tal-ewwel reat, multa ta' mhux inqas minn erba' mitt euro (€400) iżda mhux aktar minn ħamsinelf euro (€50,000). ...*

Ma ġiex allegat, wisq inqas ippruvat illi l-imputat ikkommetta ksur ieħor tar-Regolamenti dwar is-Sit ta' Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja (L.S. 549.44) u fil-fatt il-fedina penali tiegħu jafferma dan u għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) tas-subregolament (3) tar-regolament 5, mhuwiex applikabbli.

Għall-fini tal-piena, is-subregolament (4) tar-regolament 5 tal-L.S. 549.83 jiddisponi illi:-

*(4) Kull persuna li tkun misjuba ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti għandha, b'żieda mal-pieni preskritti fis-subregolament ta' qabel dan, teħel ukoll kull penali jew miżuri oħra applikabbli bħala riżultat tar-responsabbiltà ċivili, u l-Qorti għandha tordna li dik il-persuna tħallas:*

[38] Ara xhieda ta' Stefan Azzopardi u Camilla Appelgren.
[39] Ara xhieda ta' Stefan Azzopardi, 19 ta' Novembru 2020.

*a) l-ispejjeż kollha li jiġġarbu minn entitajiet pubbliċi u,jew minn persuni oħra li jaġixxu f'isem dawk l-entitajiet fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, biex tiġi rimedjata, għas-sodisfazzjoni tal-Park Manager, il-ħsara kaġunata mill-ksur ta' dawn ir-regolamenti;*
*(b) kull spiża oħra li tiġġarrab u, jew l- implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni li huma raġonevolment meħtieġa għal-limitazzjoni jew prevenzjoni tal-impatt li jirriżulta minn ksur ta' dawn ir-regolamenti;*
*(ċ) il-valur kif likwidat mill-Qorti kompetenti, ta' kull ħsara jew telf irriparabbli u irrevokabbli kkawżati lill-ambjent, biodiversità, pajsaġġ, wirt naturali jew wirt storiku, kif rilevanti għal dawn ir-regolament.*

Kif diġa' ġie deċiż iktar qabel f'din is-sentenza, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova tajba tal-ispejjeż li jeħtieġu li jintefqu biex tiġi rimedjata l-ħsara u fi kwalsiasi każ, anke jekk għal mument il-valur li xehed dwaru Stefan Azzopardi kellu jiġi aċċettat bħala valur tal-ħsara li sofriet l-Awtorita' dwar l-Ambjent u Rizorsi, il-Qorti m'għandha quddiemha ebda prova kwalsiasi li l-Park Manager tal-Majjistral Park hu sodisfatt bil-metodu li sejjer jiġi implimentat biex tiġi rimedjata l-ħsara in diżamina. Għaldaqstant, ma tistax tordna in linea ta' piena, il-ħlas mill-imputat ta' l-ispejjeż u kumpens imsemmija fis-subregolament (4) tar-regolament 5 tal-L.S. 549.83.

Imbagħad, is-subregolament (5) tar-regolament 5, jiddisponi illi in linea ta' piena fuq sejbien ta' ħtija għal xi ksur tar-Regolamenti L.S. 549.83, il-Qorti għandha wkoll tordna – kif del resto mitlub mill-Prosekuzzjoni fiċ-ċitazzjoni - li l-persuna misjuba ħatja ta' reat għandha tneħħi dak kollu li jkun sar, *inter alia*, bi ksur tal-liġi fi żmien suffiċjenti biex dan ikun jista' jsir, liema żmien ma għandux jeċċedi l-perjodu ta' tliet xhur mid-data tas-sentenza, u jekk il-persuna misjuba ħatja tar-reat tonqos milli tagħmel dak ordnat lilha fiż-żmien mogħti lilha, hija għandha teħel multa ta' mhux anqas minn ħamsin euro (€50) iżda mhux iżjed minn mija u ħamsin euro (€150), kif tiddeċiedi l-Qorti, għal kull ġurnata li jkompli dak in-nuqqas sat-tmiem tal-imsemmi perjodu.

Il-marki u sinjali biż-żebgħa li saru mill-imputat ġewwa l-konfini tal-Majjistral Park huma dawk indikati fir-ritratti u tabelli esebiti minn Stefan Azzopardi: mark 75 sa mark 125 u ritratti relattivi minn paġna 147 sa paġna 191A. Għalkemm dawn il-marki jeħtieġu li jinteħħew mill-imputat, dan jgħodd biss jekk effettivament il-marki għadhom viżibbli llum il-ġurnata. Iżda, għandu jingħad, ir-ritratti esebiti konġuntivament mill-Prosekuzzjoni u d-difiża fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2023[40], kważi tliet snin wara l-kommissjoni tal-allegat reat, juru li l-marki taż-żebgħa bilkemm għadhom jidhru tant iċċaraw bl-elementi u t-trapass taż-żmien[41]. Il-Qorti għalhekk sejra tordna lill-imputat ineħħi dawk il-marki taż-żebgħa li għadhom jidhru illum u dan fi żmien tliet xhur.

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli wkoll li wettaq attivita' jew operat li għandu x'jaqsam ma' jew jolqot l-ambjent bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 58 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549) u l-Iskeda tal-istess Att.

L-artikolu 58 tal-Att jiddisponi:-

*(1) Sakemm ma jiġix preskritt mod ieħor, ebda persuna m'għandha twettaq kwalunkwe attività jew operat li għandu x'jaqsam mal-ambjent jew li jolqot l-ambjent, jew tkun involuta f'tali attività jew operat, sakemm dik il-persuna m'għandhiex fil-pussess tagħha awtorizzazzjoni mill-Awtorità taħt dan l-Att.*

*(2) L-attivitajiet u l-operati msemmija fis-subartikolu (1) jinkludu, fost oħrajn, l-attivitajiet u l-operati elenkati fl-Iskeda.*

[40] Ara wkoll ritratti esebiti mill-Prosekuzzjoni fl-24 ta' April 2023, Dok. EMX u EMY.

[41] Ara ritratti Dok. X1 sa X4.

Imbagħad, l-Iskeda tal-Kapitolu 549 jelenka diversi attivitajiet jew operat li għandhom x'jaqsam ma' jew jolqtu l-ambjent għall-fini tal-artikolu 58(1) tal-Att. Dawk l-attivitjiet u l-operat li l-imputat ġie mixli li wettaq huma s-segwenti:-

(a)(xi): *attivitajiet f'żoni protetti, li jitqiesu bħala li għandhom effett fuq id-diversità u l-integrità tas-sit jew il-karatteristiċi ambjentali tiegħu;*
(a)(xii)(1): *attivitajiet li jkun mistenni li se jikkaġunaw tibdil dejjiemi, jew fit-tul jew inkella sinifikattiv;*
(a)(xii)(5): *attivitajiet meqjusa bħala li għandhom effett fuq id-diversità bijoloġika, fuq l-aspett fiżiku tas-sit, jew fuq l-integrità tas-sit u l-pajsaġġ.*

Għall-istess raġunijiet li ġew imfissrin iktar qabel fil-konsiderazzjonijiet marbutin mat-tieni imputazzjoni, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova konklussiva li ssawwar konvinċiment morali f'moħħ il-Qorti li l-marki taż-żebgħa li saru, *ex admissis*, mill-imputat f'diversi żoni f'Malta, ċirka 120 marka b'kollox, jirrientraw fil-parametri tal-attivitajiet u operat projibit mill-artikolu 58 tal-Att. Dan qed jingħad, speċifikatament, għaliex il-Qorti ma riskontratx prova fil-grad meħtieġ illi marki biż-żebgħa li evidentement iċċaraw b'effett tal-elementi u bit-trapass ta' ftit ta' żmien, jitqiesu li ħallew effett dejjiemi jew fit-tul fuq is-sit, u lanqas tqis li dawn il-marki, mifruxin fuq terren tal-kobor ta' eluf ta' metri kwadri, ikkaġunaw tibdil sinjifikanti. Wisq inqas dawn il-marki solitarji fuq blat fil-ħamrija, ġebel u knaten jew fuq l-asfalt tat-triq, bankini u arbli, kif riskontrati fir-ritratti esebiti fl-atti proċesswali, seta' kellhom xi effett fuq id-diversita' bijoloġika[42] tas-siti li fihom saru, jew li laqtu l-integrita' tas-sit jew tal-pajsaġġ jew kellhom l-effett li jnaqqsu xi karatteristiċi ambjentali tas-sit. In kwantu li dawn is-sinjali biż-żebgħa seta' kellhom effett fuq l-aspett fiżiku tas-siti (siti indikati fil-mapep Dok. SA9 sa Dok. SA13), filwaqt li huwa minnu li huma riskontrabbli diversi vleġeġ ħomor f'diversi partijiet minn kull sit separat, hija nieqsa l-prova li fl-assjem tagħhom, dawn is-sinjali ħomor kellhom

[42] Kif definit fl-artikolu 2 tal-Att:- *"diversità bijoloġika" jew "bijodiversità" tfisser il-varjabilità fost ħlejjaq ħajjin minn kull sors, inklużi fost oħrajn, ekosistemi tal-art, tal-baħar u oħrajn akwatiċi u l-kumplessi ekoloġiċi li jagħmlu partiminnhom, u tinkludi d-diversità fl-ispeċi nnifisha, bejn l-ispeċi u ta'ekosistemi;"*

impatt sostanzjali fuq l-aspett fiżiku komplessiv ta' xi żona ġeografikament definita fost dawk indikati fil-mapep fuq imsemmija. **Fil-fatt, ħadd mix-xhieda li ressqet 'il quddiem il-Prosekuzzjoni ma xehed li s-sinjali li ġew identifikati f'xi waħda minn dawn iż-żoni speċifiċi ġew meqjusa mill-Awtorita' għall-Ambjent u Riżorsi bħala attivita' li kellha impatt fuq l-aspett fiżiku**, u l-Qorti abbażi tar-ritratti esebiti, ma setgħetx tikkonkludi serenament li ġie ppruvat l-estrem ta' impatt fuq l-aspett fiżiku ta' xi wieħed mill-imsemmija siti għall-fini tal-artikolu 58 tal-Att.

Għaldaqstant, billi hemm nuqqas ta' suffiċjenza probatorja fil-provi proċesswali dwar jekk l-attivita' jew operat minnu mwettaq jilħqux l-estremi li evidentement jinsabu fil-mira tal-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi biex jiġġustifikaw l-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet skont l-Att, l-imputat mhux sejjer jinstab ħati tar-reat taħt l-artikolu 58 tal-Kap. 549.

Dan ifisser ukoll li l-imputat ma jistax jinstab ħati taħt l-artikolu 59 tal-Att, addebitat fil-ħames imputazzjoni, stante illi dan hu marbut instrinsikalment mal-artikolu preċedenti: fil-fatt, l-attivitajiet milquta minn din id-dispożizzjoni legali huma dawk l-istess attivitajiet imsemmija fl-artikolu 58 u kif ingħad, ma ġiex ippruvat sodisfaċjentement li l-attivita' mwettqa mill-imputat kienet waħda li kienet teħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita' għall-Ambjent u Riżorsi. Għaldaqstant, l-imputat ma wettaq ebda ksur tal-liġi meta ma applikax mal-Awtorita' fuq il-formola appożita u bl-għoti tal-informazzjoni msemmija mill-artikolu 59 tal-Att.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi is-sinjali miżbugħa mill-imputat fis-siti fejn dawn ġew riskontrati, m'humiex taħżiż bl-addoċċ u lanqas fihom xi kobor jew kuluri differenti. Il-Qorti fehmet ukoll li dawn ma ġewx imwettqa b'xi ħsieb vandalu biex jitkerrah l-ambjent iżda saru għall-fini ta' senjaletika, b'mod uniformement u bl-istess kulur, biex juru r-rotot li kellhom isegwu l-atleti li kienu

qegħdin jipparteċipaw fl-avveniment sportiv li ġie organizzat mill-imputat. Fil-fatt, il-marki taż-żebgħa ma kienux "*kollha f'xulxin*" u d-distanza bejniethom kienet tvarja[43].

Qieset ukoll illi l-imputat ikkollabora bis-sħiħ mal-Pulizija u l-uffiċjali tal-ERA tant illi impenja ruħu minnufih biex ineħħi ż-żebgħa, għalkemm it-tentattivi tiegħu ma kellhomx wisq suċċess. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li ma jidhrix li l-imputat għandu kondotta li mhijiex waħda kompletament netta.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 17, 31, 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti 3(9)(i) u 5 tar-Regolamenti dwar is-Sit ta' Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja (Leġislazzjoni Sussidjarja 549.83), issib lil MOREL-JEAN, SERGE ERNEST RAYMOND ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u tikkundannah sitt mitt Euro (€600) multa u għall-fini tas-subregolament (5) tar-regolament 5 tar-Regolamenti dwar is-Sit ta' Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja (Leġislazzjoni Sussidjarja 549.83), tordna lill-ħati sabiex fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza, ineħħi l-marki taż-żebgħa li għadhom viżibbli fuq il-partijiet mill-Majjistral Park immarkati minn *mark 75* sa *mark 125* fid-dokumenti ossia tabelli u ritratti minn paġna 147 sa 191A tal-atti proċesswali u jekk il-ħati jonqos milli jagħmel dan fiż-żmien mogħti lilu, jeħel multa ta' ħamsin euro (€50) għal kull ġurnata li jkompli dak in-nuqqas.**

**Bl-applikazzjoni tar-regolament 5(6) tar-Regolamenti dwar is-Sit ta' Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja (Leġislazzjoni Sussidjarja 549.83) u l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali, tiskwalifika lill-ħati miż-żamma jew ksib ta' xi liċenza, approvazzjoni jew awtorizzazzjoni taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta) jew ir-regolamenti magħmulin taħtu, għal żmien sena.**

---

[43] Xhieda in kontro-eżami Maria Attard, 11 ta' Novembru 2021.

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* ċioe' l-bott taż-żebgħa mmarkata Dok. EM1 (numru tal-esebiti KA 364/2021).**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**